MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 1008/1996/1

**L-Avukat Louise Sant Fournier bhala mandatarja specjali u b'digriet tal-Qorti tat-28 ta' April 1997 gie mizjud il-kliem "ghal John Burwood, Martyn Cayless, Paul Chamberlain, Andrew Grout, James Midgley, Robin Sewell, Christopher Snelling u Stephen Yeates f'isimhom personalment u bhala socji ta' Midgley Snelling Chartered Accountants u Martyn Cayless ghan-nom u in rapprezentnaza ta' Midgley Snelling Chartered Accountants tal-Ingilterra**

**Vs**

**Geoffrey Aquilina Ross**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attrici nomine s-somma ta’ erba’ mija, sebgha u erbghin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm447.56) ekwivalenti ghas-somma ta’ seba’ mija, sebgha u tmenin lira Sterlina u hamsa u ghoxrin pence (Stg 787.25) meta mahduma bir-rata tal-kambju mahruga mill-Bank Centrali ta’ Malta fil-11 ta’ Ottubru, 1996, fejn lira Maltija (Lm1.00) hija ekwivalenti ghall-Stg 1.7590 jew l-ekwivalenti ta’ Stg. 787.25 mahduma bir-rata tal-kambju ta’ meta jsir il-hlas, skond kif jigi deciz minn dina l-Onorabbli Qorti, liema somma hija dovuta bhala drittijiet u spejjez ghal servizzi ta’ accounting dovuta skond id-dokumenti li gew annessi u mmarkati Dok B u C.

Bl-ispejjez inkluzi dawk a’ l-ittra ufficjali tad-29 ta’ Mejju 1996 u bl-imghax legali mit-30 ta’ Settembru 1993 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokumenti esebiti mal-istess avviz u annessi minn fol 2 sa fol 7 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess avviz u annessi minn fol 2 sa fol 7 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 12 ibid) u li biha eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kwalsiasi azzjoni kellha tigi intavolata mis-socji personalment tal-Accountancy Firm u mhux minn Midgley Snelling Chartered Accountants li qatt m’ghandhom locus standi galadarba huma professjonisti u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi illeberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur ta’ l-artikolu 2149© tal-Kodici Civili.

3. Illi fil-meritu s-somma fuq imsemmija mhijiex dovuta, u l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-attur noe.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fit-28 ta' April 1997 (fol 16 sa fol 18 tal-atti).

Rat is-sentenza preliminari moghtija fit-22 ta' Frar 2000 u li biha giet deciza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif eccepita mill-konvenut.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-attrici nomine.

Ikkunsidrat

Illi, in atti, hemm anness "affidavit" barrani sottomess minn Heather Isabel Gordon (fol 4) li spjegat ghal liema servizzi resi lill-konvenut, hu dovut l-ammont pretiz fl-avviz.

Illi,da parti, tal-konvenut wara li dan sostna li, filfatt, l-istess ammont pretiz ma hux dovut minnu (ara t-tielet eccezzjoni a fol 12 ibid kif ukoll l-ewwel darba li xehed a fol 29 ibid) effettivament, meta rega xehed (fol 50 u fol 51 ibid), u qal "I do not deny that I owe money to the plaintiff(s) in connection with work done on my behalf ….". Pero, sussegwentement, hu zied jghid "However I thought that the bill in question was too high …." u "…..I contested the amount" verbalment, wara li kien talab verbalment ukoll u ma ottjeniex, rendikont dettaljat tal-ammont pretiz. Dwar dan l-ahhar punt, hu semma, ukoll, li, "I remember being sent a pile of papers by Heather Gordon which didn't make any sense".

Illi jigi notat li l-konvenut, fix-xhieda tieghu, bl-ebda mod ma indika ghaliex jikkonsidra l-ammont pretiz bhala esagerat.

Illi, ghalhekk, wara li l-ewwel u tieni eccezzjonijiet gew, di gja, sorvolati u decisi permezz tad-digriet u sentenza hawn fuq premessi jidher li t-talba attrici ghandha tigi akkolta f'nuqqas ta' raguni valida, jew fil-fatt jew fil-ligi,

sabiex jista' jigi akkolt dak li xehed il-konvenut, kif hawn fuq sintetizzat.

Illi jigi notat, ukoll, li r-rata ta' kambju citata fl-avviz hi, filfatt, favorevoli ghall-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talba attrici kif dedotta mill-avviz in esami u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici nomine s-somma ta' Lm447.56,0 bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali esebita a fol 24 tal-atti ossija mid-29 ta' Mejju 1996 sad-data tal-pagament u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficajli tad-29 ta' Mejju 1996.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------